TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023**

**Talba Nru: CCT93/23/DS**

**Mario Farrugia**

**Vs**

**A to Z Electronics**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Gunju, 2023. fejn talbet illi s-soċjeta' intimata għandha tibdel is-sett tat-televizjoni għaliex meta jinxtegħel u jisħon jibda jfaqqa, il-viżwal jisfuma u xi minn daqqiet jintefa waħdu.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta dettaljata;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda kollha bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti mill-attur qajla wieħed jista' jasal għal xi tip ta' konklużjoni illi turi nuqqas jew tortijiet minn naħa tas-soċjeta' intimata u dan għaliex il-filmati prodotti ma jagħtux konfort lil dan it-Tribunal illi t-teżi tal-atturi, illi bħala fatti jistgħu jkunu veritieri, u dan mhux mess in dubju, issib il-kawża tagħha f'televiżjoni difettuz mixtri mis-soċjeta' intimata.

Illi bħalma xehed ix-xhud prodott mis-soċjeta' intimata, s-Sur Kiril Ananiev, Technical Manager tas-soċjeta, "faults of cracking sounds might be either due to bad reception, bad connection or a faulty tv set", huwa jgħid ukoll illi meta s-sistema tkun

waħda diġitali bħal tal-attur "these problems have to be dealt with with the cable provider because they are reception problems." Huwa rrileva wkoll illi għamel it-testijiet neċessarji fuq perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa u l-problemi li tkellem dwarhom l-attur ma rriskontrahomx. Huwa ġibed ukoll l-attenzjoni ta' dan it-Tribunal illi fil-filmat prodott bħala prova jidher biċ-ċar illi t-televiżjoni kien qiegħed juri l-kliem 'No Signal' illi jfisser illi kien hemm problema ta' "reception".

It-Tribunal itendi illi jaqbel mat-teżi illi dawn il-problemi riskontrati m'humiex problemi riżultanti minn TV difettuż w'għaldaqstant is-soċjeta' intimata m'għandhiex tbagħti konsekwenzi li ma jemanux minn prodotti difettuzi mixtrija mingħandha.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi s-soċjeta' attriċi għalkemm buona volonta' tagħha mingħajr ammissjoni ta' xi ħtija iżda sabiex tipprova tagħti servizz aktar għoli minn dak illi huwa dovut mingħandha galadarba l-problema ma kienetx problema fil-prodott, offriet illi tibdel il-motherboard tat-televiżjoni in kwistjoni a spejjeż tagħha pero' l-attur ma aċċettax din il-proposta.

Għaldaqstant dan it-Tribunal ma jarax aġir deplorabbli minn naħa tas-soċjeta' intimata anżi jirrileva illi l-istess soċjeta' imxiet b'irġulija mal-attur u provat issolvi s-sitwazzjoni għalkemm jidher illi l-attur ħaseb illi dan ma kienx il-każ.

**Kontro Talba**

**Ikkunsidra**

Dan it-Tribunal ra wkoll il-kontro talba tas-soċjeta' attriċi u primarjament tagħmel referenza għal Kap 378 Artikolu 25(2) u (3) illi jirreferu għad-drittijiet għall-ispejjeż li jkunu saru b'mod dirett dwar il-każ mill-parti li favur tagħha jkun ġie deċiż li jitħallsulha l-ispejjeż, kif ukoll għal dawk l-ispejjeż illi m'humiex inklużi.

Jinnota illi għalkemm hemm lista' ta' spejjeż imsemmija 'Actual Incurred Costs' illi wieħed setgħa jikkunsidra jekk jaqgħux taħt id-drittijiet imsemmija fl-artikoli gia ċitati, jinnota wkoll illi m'hemm l-ebda prova illi dawn effettivament intefqu għaliex is-soċjeta' intimata ma produċiet l-ebda evidenza ta' dan w'għaldaqstant din it-talba hija kkunsidrata bħala mhux provata.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Rigward il-kontrotalba, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi s-soċjeta A to Z Electronics ma provatx il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha wkoll tiġi miċħuda fl-intier tagħha.

Għaldaqstant l-ispejjes relatati mat-talba għandhom jiġu ssopportati mill-attur u l-ispejjeż relatati mal-kontro talba għandhom jiġu ssopportati mis-soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**